

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4837 — Wallenius/Antelo/GAL/CAT)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 185/08)

1. Fil-31 ta' Lulju 2007 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Vehicle Services International A.B. ("VSI", ta' l-Iżvezja), negozju bi sħab bejn Wallenius Lines ("WL", ta' l-Iżvezja) u s-Sur Manuel Antelo, imprenditur Arġentini li ma jaqsmel l-ebda attività u ma għandu l-ebda interess azzjonarju f'xi kumpanija li topera fl-Ewropa, jakkwistaw fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ ta' Global Automotive Logistics/Compagnie d'Affrètement et de Transport ("GAL/CAT", ta' Franza), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- għal VSI: it-tbaħħir, is-senserija tal-vapuri, it-trasport fuq l-art u negozju ta' kummerċ fil-komoditajiet, il-kummerċ fi u l-ġestjoni ta' propjetà immobbli, ishma u titoli kif ukoll għoti ta' self,
- għall-impriża WL: fornitur ta' servizzi ta' trasport fuq l-art, servizzi ta' trasport fuq il-baħar f'distanzi kbar kif ukoll qosra,
- għall-impriża GAL/CAT: fornitur ta' loġistika ta' vetturi lesti, loġistika kuntrattwali ġenerali.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hi riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-feks (nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4837 — Wallenius/Antelo/GAL/CAT, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.